

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9048/21

LIMITE

COMPET 387
MI 379
JAI 586
TELECOM 221
CT 71
PI 40
AUDIO 57
CONSOM 124
CODEC 746

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0361(COD)

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8150/21
Suġġett:	Il-ġlieda kontra l-kontenut illegali online fil-kuntest tal-proposta tal-att dwar is-servizzi diġitali - Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. Sfond u stat attwali

Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett ta' proposti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, li jinkludi l-proposta għal Regolament dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali¹ – DSA) u l-proposta għal Regolament dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali² – DMA).

¹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?qid=1608117147218&uri=COM%3A2020%3A825%3AFIN>

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?qid=1608116887159&uri=COM%3A2020%3A842%3AFIN>

L-ewwel qari tal-proposta tad-DSA tlesta reċentement fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir, li ilu jeżamina l-proposta minn Diċembru 2020. Bosta delegazzjonijiet għad għandhom riżervi ta' skrutinju dwar it-test. Ġie ppreżentat rapport ta' progress lill-Kunsill Kompetittività fis-27 ta' Mejju 2021, u l-ewwel abbozz mill-ġdid tat-test mill-Presidenza wara l-eżami tal-ewwel ċiklu ta' kummenti mill-Istati Membri huwa mistenni li jinħareġ f'Ġunju.

Il-proposta tad-DSA fiha dispożizzjonijiet ta' importanza kbira għall-qasam tal-Ġustizzja. Hija tqajjem il-kwistjoni tal-bilanċ ġust bejn it-tneħħija ta' kontenut illegali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, speċifikament il-libertà tal-espressjoni, kif minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Hija tinkludi wkoll regoli proċedurali għat-tneħħija ta' kontenut illegali³ online u salvagwardji għall-utenti li l-kontenut tagħhom tħassar bi żball minn fornituri intermedjarji tas-servizzi. Għaldaqstant, il-proposta għandha l-għan li tippromwovi bidla fis-sistema għall-iskoperta u t-tneħħija ta' kontenut li huwa meqjus illegali, filwaqt li tistipula obbligi ta' diliġenza dovuta għall-fornituri ta' servizzi biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ proċeduri effettivi biex jiġi miġġieled il-kontenut illegali kif ukoll jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi li jikkonċernaw pjattaformi kbar ħafna.

Aspett importanti ieħor tal-proposta jikkonċerna l-kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti u bejniethom, filwaqt li aspetti oħra li jistgħu jkunu ta' rilevanza għaż-żona tal-Ġustizzja jinkludu t-territorjalità, il-ġurisdizzjoni u l-effetti transkonfinali, u r-relazzjoni u l-interazzjoni bejn id-DSA u strumenti eżistenti oħra (pereżempju, ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online u l-abbozz ta' strumenti ta' evidenza elettronika, kif ukoll id-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija).

F'dan il-kuntest, il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill iddeċidiet li tinkludi il-proposta tad-DSA bħala punt fl-aġenda tal-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-Ġustizzja, li saret fil-11 ta' Marzu 2021. F'dik l-okkażjoni, diversi Stati Membri qiesu li kien meħtieġ li jikkooperaw mill-qrib mal-istrutturi tal-kompetittività, sabiex id-dispożizzjonijiet li huma rilevanti għall-Ġustizzja jiġu indirizzati b'mod adegwat matul in-negozjati. Il-Presidenza kkonkludiet li kien essenzjali li l-fergħa tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Kunsill tkompli ssegwi d-dibattitu li għaddej.

³ [kontenut illegali" tfisser kwalunkwe informazzjoni, li minnha nnifisha jew bir-referenza tagħha għal attività, inkluż il-bejgħ ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi, mhix konformi mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi ta' Stat Membru, irrispettivament mis-suġġett preċiż jew in-natura ta' dik il-liġi \(Artikolu 2 \(g\)\).](#)

Fil-laqgħa informali tal-CATS tal-10 ta' Meju 2021, il-Presidenza għal darb'oħra enfasizzat l-importanza kbira tal-proposta tad-DSA għall-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Segwiet diskussjoni produttiva dwar il-kwistjonijiet topiċi dwar ordnijiet għal azzjoni kontra kontenut illegali u ordnijiet biex tingħata informazzjoni (l-Artikoli 8 u 9 tal-proposta) u n-notifika ta' suspetti ta' reati kriminali (l-Artikolu 21 tal-proposta). Id-delegazzjonijiet kienu tal-fehma li, bħala minimu, ir-regoli minqax fl-Artikoli 8 u 9 jistgħu jiġu ċċarati b'mod utli u ssottolinjaw il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-formulazzjoni tar-Regolament propost tkun ċara għall-partijiet ikkonċernati kollha fir-rigward tal-impatt tiegħu fuq il-ġustizzja kriminali. Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni wieġbet li, fis-sustanza, ir-Regolament propost huwa bħala *lex generalis* u li l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-ordnijiet stabbiliti fih huma mingħajr preġudizzju għal atti oħra tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tal-ġustizzja kriminali, li jipprevedu sistemi simili għal azzjoni kontra tipi speċifiċi ta' kontenut illegali jew għall-ġhoti ta' informazzjoni f'setturi speċifiċi (l-Artikoli 1(5), 8(4) u 9(4)). Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet ikkritikaw il-formulazzjoni tal-Artikolu 21 u nnotaw li l-kunċett ta' "reati kriminali serji li jinvolvu theddida għall-ħajja jew għas-sikurezza ta' persuni" ma kienx definit fl-abbozz ta' Regolament u jista' jwassal għal inċertezza legali.

Is-sitwazzjoni attwali rigward dawn is-suġġetti hija deskritta hawn taħt.

II. Ordnijiet għal azzjoni kontra kontenut illegali u ordnijiet biex tingħata informazzjoni (Artikoli 8 u 9)

L-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li jistabbilixxu ċerti elementi minimi li jeħtieġ li jinkludu l-ordnijiet transkonfinali (id-dispożizzjonijiet ser japplikaw ukoll għall-ordnijiet nazzjonali) biex jaġixxu kontra l-kontenut illegali jew biex jipproduċu informazzjoni. Tali ordnijiet jistgħu jiġu indirizzati direttament minn awtorità kompetenti fi Stat Membru lil fornitur ta' servizz fi Stat Membru ieħor. Il-proposta tad-DSA għandha l-għan ukoll li tobbliga lill-fornituri ta' servizzi biex jinfurmaw lill-awtorità emittenti dwar l-azzjoni meħuda. Il-proposta tad-DSA ma tipprevedix bażi ġuridika għall-ħruġ tal-ordni jew għall-infurzar tal-eżekuzzjoni tagħha. Għalhekk, il-bażi għall-ħruġ jew l-eżekuzzjoni tal-ordni tista' tiġi minn *lex specialis* tal-Unjoni jew minn liġi nazzjonali. Il-proposta tad-DSA fiha regoli armonizzati dwar l-infurzar tal-obbligu fuq il-fornitur intermedjarju tas-servizzi li jipprovdi feedback dwar ordni.

Tqajmu mistoqsijiet dwar jekk għandhiex tiġi kkunsidrata skadenza għal dan ir-rekwiżit ta' feedback, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-iskadenzi għat-tneħħija ta' kontenut illegali speċifiku jew għall-produzzjoni ta' punt speċifiku ta' informazzjoni jkunu soġġetti għal-liġijiet sottostanti nazzjonali u tal-Unjoni li abbażi tagħhom jinħarġu l-ordnijiet (li jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti, skont it-tip ta' kontenut jew liġi).

Ġie diskuss ukoll jekk ikunx xieraq li l-fornituri ta' servizzi jkunu obbligati jsegwu tali ordnijiet. Madankollu, ġie nnutat ukoll li ordnijiet ta' dan it-tip jistgħu jkunu diġà vinkolanti permezz ta' leġiżlazzjoni *lex specialis* jew liġi nazzjonali u li d-DSA tista' ma tkunx il-mezz it-tajjeb għal tali dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa, minħabba n-natura orizzontali tagħha. Xi wħud mill-kwistjonijiet imqajma jistgħu jiġu solvuti permezz ta' abbozzar aktar ċar tad-dispożizzjonijiet ta' promulgazzjoni u tal-premessi fil-proposta tad-DSA.

B'mod partikolari, it-tħassib imqajjem rigward l-impatt eżatt tal-klawsola "mingħajr preġudizzju" fir-rigward tal-liġi kriminali proċedurali nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni previst fl-Artikoli 8(4) u 9(4) juri li l-abbozzar ta' sistema ġdida ta' ordnijiet jista' jiġi ċċarat aktar biex jiġi żgurat li l-istrumenti eżistenti tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma jiġux affettwati fir-rigward tal-azzjonijiet kontra kontenut illegali.

Uħud mid-delegazzjonijiet insistew ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi ċċarat li l-Artikolu 9 ma għandux japplika għal ordnijiet ta' produzzjoni u preservazzjoni kif propost fl-abbozz ta' Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali. Filwaqt li l-Artikolu 1(5) fil-proposta tad-DSA jagħmilha ċara li l-abbozz ta' Regolament dwar l-ordnijiet ta' produzzjoni u ta' preservazzjoni ser jitqies bħala *lex specialis*, jista' jiġi ċċarat ulterjorment li l-Artikolu 9(4) huwa wkoll mingħajr preġudizzju għal dak ir-Regolament.

III. Notifika ta' suspetti ta' reati kriminali (Artikolu 21(1))

L-Artikolu 21 tal-proposta tad-DSA jipprevedi fi ftit kliem li pjattaforma online għandha tinforma minnufih lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji kkonċernati dwar suspett li jkun seħħ, qed iseħħ jew x'aktarx li jseħħ reat kriminali serju li jinvolvi theddida għall-ħajja jew is-sikurezza ta' persuni, u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli.

Din id-dispożizzjoni tqajjem ukoll tħassib, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Tqajmu mistoqsijiet dwar jekk hemmx ġustifikazzjoni raġonevoli għall-eżenzjoni ta' pjattaformi online żgħar u mikro mill-obbligu li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar reati kriminali serji li jinvolve theddida għall-ħajja jew is-sikurezza tal-persuni.

Min-naħa l-oħra, il-formulazzjoni tindika biss li l-awtoritajiet għandhom jiġu infurmati "minnufih", mingħajr ma jiġi indikat limitu ta' żmien sod għal dak l-obbligu ta' informazzjoni.

Barra minn hekk, jista' jitqies bħala neċessarju li jiġi ċċarat liema "reati kriminali serji li jinvolve theddida għall-ħajja jew għas-sikurezza ta' persuni" huma koperti mill-obbligu ta' informazzjoni, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' lista ta' reati kriminali rilevanti jew billi jingħataw aktar eżempji fi premessa.

IV. Mistoqsijiet lill-Ministri

Fid-dawl tal-kwistjonijiet diskussi hawn fuq, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom, mill-perspettiva tal-ġustizzja kriminali, dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- a) **Taħsbu li għandu jsir titjib fil-formulazzjoni tal-proposta tad-DSA biex jiġi akkomodat it-tħassib identifikat fir-rigward tal-Artikoli 8 u 9 u rilevanti għall-qasam tal-Ġustizzja? Jekk iva, x'aspetti speċifiċi għandhom jiġu pprovduti?**
- b) **Fir-rigward tal-Artikolu 21, taħsbu li huwa essenzjali li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni u, b'mod partikolari, għall-finijiet tal-proposta tad-DSA, il-kunċetti ta' "reat kriminali serju li jinvolve theddida għall-ħajja jew għas-sikurezza ta' persuni" u "minnufih"?**